# NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GHAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 1278

**Nru.414** **ĠUNJU 2011.**

## IL-45 JUM DINJI TAL-KOMUNIKAZZJONI (5 ta' Ġunju 2011)
## Silta mill-Messaġġ tal-Papa Benedittu XVI

### Il-Verità, ix-Xandir u l-Awtentiċità tal-Ħajja fl-Era Diġitali

It-teknoloġiji ġodda mhux biss qed jibdlu l-mod ta' kif nikkomunikaw imma qed jibdlu l-istess komunikazzjoni, hekk li wieħed jista' jgħid li qed ngħixu fi żmien ta' trasformazzjoni kulturali kbira. Dan il-mezz ta' kif jinxterdu l-informazzjoni u t-tagħrif qed inissel mod ġdid ta' kif nitgħallmu u naħsbu.

Bħal kull opra oħra tal-ġenju uman, il-teknoloġiji ġodda ta' komunikazzjoni jridu jkunu għas-servizz tal-ġid sħiħ tal-individwu u tal-komunità kollha tal-bnedmin.

It-teknoloġiji ġodda jippermettu li l-persuni jiltaqgħu lil hemm mill-konfini tal-ispazju u tal-kulturi tagħhom, u hekk joħolqu dinja għal kollox ġdida ta' possibiltà ta' ħbiberiji ġodda. Din hi opportunità kbira, imma titlob attenzjoni akbar għar-riskji possibbli li ġġorr magħha. Min hu l-"ġar" tiegħi f'din id-dinja ġdida? Jeżisti l-periklu li b'dan il-mod nista' nkun inqas qrib ta' dawk li niltaqa' magħhom kuljum? Hemm riskju li nkunu aktar distratti għaliex l-attenzjoni tagħna hi fframmentata u misruqa minn dinja "oħra" differenti minn dik li ngħixu fiha? Għandna ħin biex nirriflettu b'mod kritiku fuq l-għażliet tagħna u biex inrawmu relazzjonijiet umani li huma profondi u jibqgħu għal żmien twil? Jeħtieġ niftakru dejjem li l-kuntatt virtwali ma jistax jieħu post il-kuntatt uman dirett mal-persuni f'kull livell tal-ħajja tagħna.

L-impenn tax-xhieda tal-Vanġelu fl-era diġitali jitlob li kulħadd ikun attent għal dawk l-aspetti tal-messaġġ li jiċċalinġjaw ċerti modi ta' kif isir ir-raġunar fuq il-web. Qabel xejn, jeħtieġ nifhmu li l-verità li nixtiequ naqsmu mal-oħrajn ma tiksibx il-valur tagħha mill-"popolarità" jew minn kemm tirċievi attenzjoni. Jeħtieġ inwasslu din il-verità b'mod sħiħ, mingħajr ma nċedu għat-tentazzjoni li nxandruha skont kif tista' tintgħoġob mill-oħrajn. Il-verità hi ikel ta' kuljum u mhux attrazzjoni ta' mument li jgħaddi. Il-verità tal-Vanġelu ma tistax tintuża b'mod superfiċjali. Anke meta mxandra fl-ispazju virtwali tal-web, il-Vanġelu jitlob li jiġi inkarnat fid-dinja reali u li jiġi marbut mal-uċuħ reali ta' ħutna, ta' dawk li magħhom ngħixu ta' kuljum. Relazzjonijiet umani diretti jibqgħu dejjem fundamentali fit-trażmissjoni tal-fidi.

---

## VELJA DJOĊESANA TA' GĦID IL-ĦAMSIN
## IS-SIBT 11 TA' ĠUNJU 2011
## PARROĊĊA TAN-NADUR - fit-7.45pm

***Imexxi l-velja Mons Mario Grech Isqof t'Għawdex***
***(Fil-Jiem tan-Novena, fil-parroċċi jinġabru frott, ikel u ħxejjex biex jitqassmu f'solidarjetà.)***

==============================================================================

### JUM IS-SEJĦA TAL-MADONNA TA' PINU LIL Karmni Grima
### L-ERBGĦA 22 TA' ĠUNJU 2011

Nhar l-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2011 jaħbat il-128 Anniversarju ta' meta f'TA' PINU nstema' l-Leħen ta' Marija, Omm Ġesù u Ommna jsejħilna « Ejja, Ejja » permezz ta' Karmni Grima biex nagħtu lilna nfusna u nersqu lejn dan il-Maqdes Qaddis biex nitolbu. Żgur li l-Għawdxin flimkien ma' ħafna minn ħutna Maltin jersqu f'dan il-Jum jitolbu f'dan is-Santwarju għażiż.

Fost il-funzjonijiet li jsiru f'Ta' Pinu f'dan il-jum fid-9.00a.m ikun hemm Pontifikal Solenni mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex li jiġi mxandar minn Radju Marija. Fl-10.10a.m tingħad is-Supplika tal-Madonna mill-istess Santwarju, mxandra mill-R.T.K. u minn Radju Marija u mis-1.00 sal- 4.30p.m adorazzjoni. Quddies fil-5.00p.m u fit-8.00p.m .Fid-9.00p.m.purċissjoni u Rużarju mill-Isqof Mario Grech.

**Araw programm ta' dan il-jum maħruġ apposta.**
**Inħeġġu lil kulħadd biex dan il-jum ngħożżuh u nqaddsuh.**

---

## ORDINAZZJONI TA' DJAKNI

Il-Ħamis 23 ta' Ġunju - Knisja Katidrali, 5.30p.m.

Nitolbu għas-Seminaristi Mark Bonello (Xagħra) u Daniel Grech (Kerċem) li ser jiġu ordnati Djakni biex jimtlew bl-ispirtu tal-Kristu Qaddej sofferenti. Min jista', għandu jieħu sehem f'din il-quddiesa tal-Ordinazzjoni.

**KALENDARJU PASTORALI**
**ĠUNJU 2011 - Numru 414**

| | |
|---|---|
| 1.Erbgħa | San Ġustinu, Martri. Tifkira (O).<br>Il-5 Erbgħa ta' Santa Marija.<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal- Kappillani (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb, Victoria fit-8.30am) |
| 2.Ħamis | San Pietru u San Marċellinu, martri. Tifkira. |
| 3.Ġimgħa | San Karlu Lwanga u Sħabu, Martri. Tifkira (O).<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Ir-Raba' Anniversarju mill- Kanonizzazjoni ta' San Ġorġ Preca. |
| 4.Sibt. | Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, Nadur (8.30 pm). |
| 5.Ħadd. | Is-Seba' Ħadd tal-Għid. Tlugħ il-Mulej fis-Sema. Solennità. Messalin Sena A.<br>Il-45 Jum tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali..<br>Festa ta' Sant'Antnin, Għajnsielem / Ċenaklu A. K. (8.30am). |
| 7.Tlieta | Is-Sette Giugno (Festa Nazzjonali). |
| 8.Erbgħa | Is-6 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 9.Ħamis | San Efrem Djaknu u Duttur tal-Knisja. Tifkira. |
| 10.Ġimgħa | Laqgħa għal dawk li se jipparteċipaw fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Madrid (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb. 7.30pm) |
| 11.Sibt. | San Barnaba Appostlu. Tifkira (O).<br>**Velja Djoċesana ta' Pentekoste – Parroċċa Nadur (7.45pm).**<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku fil-Parroċċa tan-Nadur (wara l-Velja tal-Pentekoste). |
| 12.Ħadd. | Għid il-Ħamsin. Solennità. Messalin sena A. Jum l-Apostolat tal-Lajċi.<br>Festa ta' Kristu Ewkaristiku Salvatur – Parroċċa Għasri<br>Jum Dinji kontra x-xogħol tat-tfal (NU). |
| 13.Tnejn | Sant'Antnin ta' Padova, Persbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>It-2 Dehra tal-Madonna ġewwa Fatima fil-Knisja ta' Ħamet Ador. 5.30pm fis-7.30pm Quddiesa u Pelligrinaġġ ta' Talb. / Quddiesa għall-persuni Separati (KDF). |
| 15.Erbgħa. | Laqgħa tal-Kummissjoni Djoċesana Familja (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb -7.00pm).<br>Is-7 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 18.Sibt. | Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa tal-Qala (7.00 pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Parroċċa ta' Kerċem (8.30pm). |
| 19.Ħadd. | It-Trinità Qaddisa. Solennità. Messalin Sena A. / **Jum il-Missier.**<br>Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù – Parroċċa Fontana. |
| 21.Tlieta. | San Alwiġi Gonzaga, Reliġjuż. Tifkira (O). |
| 22.Erbgħa. | Tifkira solenni tas-sejħa tal-Madonna TA' PINU lil Karmni Grima. Festa fis-Santwarju Ta' Pinu.<br>It-8 Erbgħa Santa Marija.<br>San Gwann Fisher u San Tumas More, Matri. |
| 23.Ħamis. | Vġili ta' San Ġwann Battista. Messalin sena A.<br>Ordinazzjoni tad-Djakni (Katidral fil-5.30pm) |
| 24.Ġimgħa | Solennità tat-twelid ta' San Ġwann Battista. Messalin sena A.<br>Laqgħa għall-persuni f'relazzjoni barra miż-żwieġ (KDF). |
| 25.Sibt. | Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Parroċċa tal-Katidral (8.30pm). |
| 26.Ħadd. | Il-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej- Solennità. Messalin sena A.<br>Festa ta' San Ġwann Battista – Parroċċa Xewkija.<br>Jum Internazzjonali kontra d-Droga (NU). |
| 28.Tlieta. | Vġili ta' San Pietru u San Pawl Appostli. Messalin Sena B.<br>Laqgħa għall-persuni separati (KDF). |
| 29.Erbgħa | Solennità ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl. Messalin Sena B.<br>Festa ta' San Pietru u San Pawl – Parroċċa Nadur.<br>Id-9 Erbgħa Santa Marija. |
| 30.Ħamis. | L-Ewwel Martri ta' Ruma. Tifkira.<br>Beatu Nazju Falzon. Tifkira. |